**PRIM'AWLA QORTI CIVILI**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum 15 ta' Novembru, 2016**

**Rikors Revoka Nru: 871/2016 AF**

**Enemalta plc (C-65836)**

**vs**

**Schembri Infrastructures Limited (C-17388)**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' Schembri Infrastructures Limited li permezz tieghu, ghar-ragunijiet fih imfissra talbet lil din il-Qorti thassar u tirrevoka in toto jew parzjalment il-mandat ta 'sekwestru 1387/16 ai termini tal-Art. 836(1)(b), (d) u (f).

Rat id-dokumenti annessi.

Rat it-twegiba ta' Enemalta plc li in forza taghha, ghar-ragunijiet moghtija, sahqet li t-talba ghandha tigi michuda.

Rat id-dokumenti annessi.

Semghet lid-difensuri.

Rat li r-rikors thalla ghal digriet in camera.

Ikkunsidrat illi permezz ta' dawn il-proceduri Schembri Infrastractures Limited qed titlob lil din il-Qorti thassar ghal kollox jew in parte mandat ta' sekwestru kawtelatorju mahrug fil-konfront taghha minn Enemalta p.l.c. biex jigi kawtelat kreditu li l-istess Enemalta p.l.c ssostni li ghandha fil-konfront ta' Schembri Infrastractures Limited.

Is-socjetà rikorrenti l-ewwel ma ssejjes it-talba odjerna taghha huwa fuq l-Art. 836(1)(b) li jipprovdi ghat-thassir ta' mandat kawtelatorju f'cirkostanza:

> *"li waħda mill-ħtiġiet tal-liġi għall-ħruġ tal-att kawtelatorju ma tkunx għadha fil-fatt teżisti."*

Sabiex jithassar mandat taht dan il-kap:

> *"il-mandat ikun inhareg sewwa u, f'xi waqt, tkun intemmet xi wahda mill-kundizzjonijiet li l-ligi trid biex dak il-mandat jibqa fis-sehh."* - (Therese Mangion Galea vs. Desmond Stanley Steward deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fid-29 ta' Lulju 2005).

Huwa ritenut fil-kuntest ta' talba taht dan il-provvediment tal-ligi illi:

> *"sabiex persuna tista' tohrog Mandat kawtelatorju huma li (a) jkollha pretensjoni ta' dritt kontra l-persuna li dwarha jinhareg il-mandat; (b) li ssir kawza li fiha tigi mistharrga sewwasew dik il-pretensjoni ta' dritt, (c) li l-Mandat irid ikun ihares ir-rekwiziti mitluba mill-ligi dwar il-hrug tieghu u (d) li tali Mandat jinhareg u jigi esegwit taht ir-responsabbilità tal-persuna li tkun talbitu."* - (Therese Mangion Galea vs. Desmond Stanley Steward deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fid-29 ta' Lulju 2005).

Ma jirrizulta lill-Qorti ebda bidla fic-cirkostanzi li twassalha thassar il-mandat ghaldin ir-raguni.

Is-socjetà rikorrenti imbaghad tghaddi biex tistrieh fuq l-Art. 836(1)(d) li testwalment jipprovdi ghat-thassir ta' mandat kawtelatorju:

> *"jekk jintwera li l-ammont mitlub ma jkunx prima facie ġustifikat jew ikun eċċessiv."*

Huwa ritenut illi:

> *"l-kejl li ghandu jittiehed biex jitqies thassir ta' mandat kawtelatorju taht din ir-ras huwa wiehed li jorbot il-kawzali ta' l-istess mandate mal-kreditu msemmi fih. Dan ifisser li l-Qorti ghandha tistharreg fl-ewwel lok jekk jirrizultax mad-daqqa t'ghajn li r-rikorrent ezekutant ghandu bazi ta' pretensjoni (dak li f'oqsma ohra ta' dritt jissejjah 'fumus juris' tal-pretensjoni dedotta) u fit-tieni lok jekk wasalx biex jillikwida tali pretensjoni f'somma li taqbel mal-ammont mahluf fil-mandat. Wiehed m'ghandu qatt jinsa li f'dan il-kuntest, il-qorti trid tkun gwidata mill-principju li d-dritt ghall-azzjoni gudizzjarja m'ghandux jigi mfixkel jew imwarrab b'leggerezza, u l-iehor daqstant siewi li huwa dritt li persuna thares l-interessi taghha fil-milja taghhom sakemm il-jedd sostantiv lilha kontestat jigi definiet minn Qorti."* - (Vincent Mercieca vs George Galea deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fid-29 ta' Novembru 2001).

Inoltre huwa ritenut illi:

> *"hija l-fehma tal-Qorti li biex ammont mitlub f'mandat kawtelatorju jitqies bhala wiehed "eccessiv", irid jintwera li bejn il-jedd pretiz u l-ammont mahsub li jhares dak il-jedd ikun hemm nuqqas ta' qbil lampanti li s-sens komun u c-cirkostanzi tal-kaz ma jistghux izewgu ma' xulxin. Il-fatt li l-ammont mitlub f'Mandat kawtelatorju ikun jidher li huwa xi ftit oghla minn dak li, mad-daqqa t'ghajn, jidher xieraq, ma jwassalx ta bilfors ghat-thassir tal-Mandat li jkun izda, l-izjed, ghat-tnaqqis tal-ammont sekwestrat."* – (Francis Spiteri et vs. Charles Darmanin et deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-25 ta' Awwissu 2010).

Fil-kaz in ezami l-ammont kawtelat bil-mandat de quo jaqbez il-€1.4 miljun. Il-lodo arbitrali li minnu ghadhom pendenti l-appell principali u iehor incidentali iffissa l-kreditu ta' Enemalta p.l.c. fl-ammont ta' €340,467. Inghatat ukoll "dissenting opinion" fil-kuntest tal-istess lodo. F'dawn ic-cirkostanzi l-Qorti tqis gustifikata t-talba tar-rikorrenti li l-ammont kawtelat hu eccessiv. Wiehed izomm f'mohhu li kull ezercizzju li taghmel il-Qorti fl-ambitu ta' mandat kawtelatorju jibqa' dejjem limitat ghal dak li jirrizulta mad-daqqa t'ghajn. F'dawn ic-cirkostanzi, madanakollu, ma tistax ghaldaqstant tregi t-talba tar-rikorrenti a bazi tal-Art. 836(1)(f). Il-mandat, minkejja li din il-Qorti tqis li hu eccessiv fl-ammont li jikkawtela, ma jistax jinghad li mhuwiex ragonevoli jew gustifikabbli:

> *"l-istharrig fil-mertu ma jaghmilx bicca mill-kriterji li fuqhom hija ssejjes il-konsiderazzjonijiet taghha fi procedura bhal din: biex il-Qorti tista' tqis jekk hijiex misthoqqa jew le, il-pretensjoni tar-ragonevolezza li l-mandat kawtelatorju jinzamm fis-sehh trid tirrizulta minghajr ma ssir indagni fil-mertu; illi bizzejjed jinghad li jekk 'il quddiem, il-Qorti li ser tqis il-kwistjoni fil-mertu tasal ghall-fehma li l-intimata ezekutanti m'ghandha tithallas xejn xorta wahda ma jistax jinghad li l-mandat ma kienx gustifikat. Is-success jew telfien ta' kwistjoni fil-mertu ma tista' qatt tfisser li l-mandat kawtelatorju nhareg b'mod vessatorju jew fieragh."* – (Spiteri vs Camilleri deciza mill-Prim'Awla fl-10 ta' Jannar 1992).

Ghaldaqstant il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talba ta' Schembri Infrastructures Limited fis-sens biss illi tnaqqas l-ammont kawtelat bil-mandat ta' sekwestru Nru. 1387/16 ghal €350,000.

Kull parti ghandha tbati l-ispejjez taghha.

IMHALLEF